# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 70/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Anthony Mangion**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Anthony Mangion, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 335683M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-17 ta' April, 2015 ghall-habta tal-9:50hrs u fil-jiem ta' qabel, fl-inhawi ta' Birzebbugia u f'dawn il-Gzejjer:

1) Zamm, f'xi fond jew fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-iskeda li minghajr ma jkollu licenzja ghal dik l-arma taht l-Att dwar armi;

2) Akkuzat ukoll talli bhala pussessur ta' licenzja taht l-artikolu 27(1) tal-Kap 480 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' Frar, 2016 li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal tliet mitt euro (€300) multa;

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, in kwantu l-imputat kien liberat mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni u tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tielet u r-raba' imputazzjoni u kkundannatu multa ta' tlett mitt ewro u b'hekk tillibera lill-imputat minn kull htija;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-ewwel osservazzjoni necessarjament tirrigwarda t-talbiet tal-appellant ghaliex huwa kien imputat b'zewg fatti u mhux b'erbgha li kif jghid hu kien liberat mill-ewwel tnejn u misjub hati tat-tielet u r-raba wahda. Ghalhekk ma setghax jitlob il-konferma tal-liberazzjoni tal-ewwel zewg imputazzjonijiet. Jidher li dan huwa dovut ghall-fatt li l-appellant irreplika t-talbiet maghmula fl-

appell numru 69/2016 u huwa evidenti li dan huwa lapsus u din il-Qorti ser tqis li l-appellant qed jitlob it-thassir tas-sentenza fl-intier taghha. Konsegwentement l-eccezzjoni ta' nullita' sollevata mill-Avukat Generali qed tkun respinta.

2. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fis-semplicita' taghhom li waqt spezzjoni kondotta mit-taqsima tal-ALE tal-Pulizija, l-appellant instab fil-pussess ta' arma tan-nar registrata fuq missieru filwaqt li kien qieghed jikkaccja. L-appellant huwa licenzjat biex izomm u jgorr armi tan-nar izda mhux dik li nstabet fil-pussess tieghu;

3. L-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar l-ewwel imputazzjoni meta jargumenta illi l-prosekuzzjoni biddlet ir-rekwiziti legali u s-sustanza tar-reat meta adoperat kliem li mhux prettament indikat fl-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480. Dan l-artikolu jikkostitwixxi reat l-azzjoni ta' pussess jew garr ta' arma elenkata fl-Iskeda II minghajr licenzja taht l-Att. Issa, l-appellant jargumenta illi meta l-prosekuzzjoni rriproduciet parti minn dan l-Artikolu, minflok uzat il-kliem testwali tieghu biddlet il-kliem "taht dan l-Att" bil-kliem "ghal-dik l-arma" u l-imputazzjoni saret taqra "*elenkati fl-Iskeda II minghajr ma kellu licenzja ghall-dik l-arma*". Frankament din il-Qorti ma tara xejn censurabbli u rregolari f'din l-imputazzjoni li hija indikazzjoni tajba ta' dak allegat mill-prosekuzzjoni;

4. Intqal kemm il-darba minn din il-Qorti, illi mhix mehtiega riproduzzjoni preciza tal-artikolu tal-ligi diretta bhala imputazzjoni. Dak li hu mehtieg huwa indikazzjoni tal-fatt allegat u f'dan il-kaz dan il-vot huwa sodisfatt mhux biss bid-deskrizzjoni izda ukoll bl-indikazzjoni tal-artikolu tal-ligi li ghalih irid iwiegeb l-imputat, anke jekk, skond gurisprudenza kostanti in rigward, lanqas din tal-ahhar mhi mehtiega. L-appellant hu tal-fehma illi persuna licenzjata biex iggorr arma regolari msemmija fl-Iskeda II tista' ggorr kwalsiasi arma regolari taht l-istess Skeda basta li dik tkun debitament

licenzjata f'isem terzi. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din it-tezi perikoluza. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

5. It-tieni aggravju tal-appellant huma dwar is-sejbien ta' htija fit-tieni imputazzjoni bil-gravam li qatt ma seta' jinsab hati li naqas li josserva xi kundizzjoni tal-licenzja tieghu u dan ghaliex ma ngiebet ebda prova li turi l-ezistenza ta' tali kundizzjoni. L-appellant m'ghandux ragun. Il-prosekuzzjoni esebiet estratt mir-registru tal-licenzja tal-armi registrati fuq ismu u jirrizulta illi l-arma misjuba fil-pussess tieghu hija registrata f'isem missieru;

6. Il-licenzjar ghall-akkwist, zamma u uzu ta' armi regolari f'Malta huwa rimess lill-Kummissarju tal-Pulizija skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 480 tal-ligijiet ta' Malta. L-istess disposizzjonijiet jirregolaw lill-licenzjat fil-modalita' ta' dik l-arma jew armi fil-parametri tal-licenzja lilu akkordata. Bizzejjed li jkun riprodott l-artikolu 47 li jiddisponi s-segwenti: ***Negozjant jew persuna ohra li jkollha licenzja biex takkwista jew ikollha fil-pussess taghha xi arma regolari jew munizzjoni ghandhom izommu dawk l-oggetti fil-kustodja taghhom b'tali mod li dawn ma jigux f'idejn haddiehor***. Gia bl-agir tieghu, ghalhekk, l-appellant huwa karenti fl-osservazzjoni ta' din il-kondizzjoni;

7. Issa ukoll, jekk bl-aggravju tieghu l-appellant irid ifisser li ghaliex ma hemmx il-kundizzjonijiet mnizzla fuq din il-licenzja, allura ma hemmx prova ta' ksur tal-kundizzjonijiet allura huwa zbaljat. Il-kundizzjonijiet, sakemm ma jkunux dettaljati fil-licenzja, huma dawk emergenti mill-**Kapitolu 480** tal-ligijiet ta' Malta li tahthom harget din il-licenzja. Huwa zbaljat ukoll l-appellant meta fl-argument tieghu donnu jistenna illi licenzja ghandha jkollha stampat fiha il-Kapitolu 480 fl-intier tieghu;

8. Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant jargumenta illi l-kura u kustodja msemmija fl-artikolu 47 tal-Kap 480 qatt ma kienet intiza u lanqas tista' tkun interpretata b'mod illi persuna

licenzjata biex izzomm arma ma tistghax tghaddi dik l-arma lil persuna ohra licenzjata. In sostenn ta' dan l-appellant jaghmel referenza ghall-artikolu 20(2). Dan is-subartikolu, izda, huwa kwalifika tas-subartikolu (1) li jiddisponi li hadd ma jista' jitrasferixxi arma lill-haddiehor li ma jkollhiex licenzja ghall-**dik** l-arma. Is-subartikolu (2) imbaghad jipprovdi illi min ibiegh jew jitrasferixxi arma lill-terzi ghandu jinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija fi zmien hmistax il-jum. L-appellant, kif kien id-dritt tieghu li jaghmel, ma xehedx f'dawn il-proceduri u ma hemm xejn x'juri li kien trasferixxa l-arma lill-ibnu. Anzi, qieghed jistrieh fuq ir-ragunament illi l-ligi tippermetti *trasferiment temporanju*;

9. Irid jinghad, izda, illi l-artikolu 30 huwa car meta jghid illi ***Licenzja mahruga taht dan l-Att tkun wahda personali li tappartjeni lid-detentur taghha u ma tkunx trasferibbli.*** Ir-ragunament tal-appellant illi ghaliex ibnu kien persuna licenzjata biex izomm u ggorr armi tan-nar setgha ghalhekk jghaddilu l-arma licenzjata f'ismu biex juzaha taht dik il-licenzja, jigifieri ta' ibnu, ma huwiex korrett. Il-licenzja tinhareg fuq l-armi indikati bin-numri tas-serje taghhom u din ma tintitolax lill-licenzjat li jzomm u/jew igorr jew juza kwalsiasi arma ohra licenzjata lill-terzi;

10. Jizdied jinghad illi l-artikolu 52 imbaghad inehhi kull dubju li jista' b'xi mod jinqala' fil-qari tal-artikolu 30. Dan jipprovdi hekk: **52. Detentur ta' licenzja taht xi disposizzjoni ta' dan l-Att li jonqos milli jhares il-pattijiet tal-licenzja jew li jkollu pussess jew ikun igorr xi arma tan-nar jew munizzjoni mhux specifikati f'dik il-licenzja, ikun hati ta' reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dawk l-artikoli ....** Kwalsiasi kunsiderazzjoni ohra ghalhekk dwar dan l-aggravju tkun inutili u konsegwentement dan l-aggravju qed ikun michud;

11. L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena erogata illi skond l-appellant hija wahda eccessiva tenut ic-cirkostanzi tal-kaz u li ghandu fedina nadifa. Dwar dan ikun osservat illi l-appellant naqas milli jaghmel talba ghar riforma fil-piena. Anke li kien hekk, izda, l-appellant kien ikkundannat ghal-hlas ta' multa ta' €300. L-artikolu 51(2) jiddisponi ghall-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa hames snin izda f'kaz fejn il-Qorti jidhrilha li hemm gustifikazzjoni skond il-parametri hemm ravvizati, u li trid tiddikjara x'inhuma, tista' tikkundanna lill-hati ghall-multa ta' mhux anqas minn €698.81. Skond l-51(8) imbaghad, ksur ta' xi disposizzjoni taht it-Taqsima IX tal-Att jipprovdi ghal-piena ta' mhux anqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu. L-multa lamentata hija fil-fatt anqas minn dik erogabbli u ghalhekk ma jistax l-appellant jitlob ghar-revizzjoni taghha. Certament l-appellant m'ghandux minn x'hiex jilmenta meta l-arma in kwisjtoni **kellha** tkun konfiskata bhala konsegwenza tal-piena skond l-artikolu 56 u l-ewwel Qorti naqset milli tapplika din is-sanzjoni tassattiva ghall-liema nuqqas ma appellax l-Avukat Generali;

12. Ghal dawn il-motivi l-appell qed ikun michud.